



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Diskors

Brussell, il-5 ta' Novembru 2014
ECA/14/48

Diskors minn Vítor Caldeira, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Preżentazzjoni tar-Rapporti Annwali 2013

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew

Brussell, il-5 ta' Novembru 2014

Id-diskors proprju jitqies bħala awtentiku.

Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

ECA Press

Damijan Fišer – Uffiċjal għall-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24

E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA Youtube: [EUAuditorsECA](https://www.youtube.com/EUAuditorsECA) eca.europa.eu

Sinjura President,

Onorevoli Membri,

Huwa unur għaliġa li nippreżenta r-Rapport Annwali tal-Qorti dwar is-sena finanzjarja 2013 lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew.

Il-Qorti konxja li qed tippubblika r-rapport tagħha f'mument importanti ta' bidla għall-Ewropa. Għandna membri ġodda fil-Parlament Ewropew, inkluż f'dan il-kumitat, kif ukoll uċuh ġodda fil-quċċata tal-Kummissjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE, ġew stabbiliti programmi ġodda ta' nfiq u regoli finanzjarji ġodda għall-perjodu 2014 sa 2020, li issa jridu jiġu implimentati u applikati kif xieraq. U anke jekk l-aġar effetti tal-kriżi finanzjarja u ekonomika forsi huma warajna, tibqa' l-ħtieġa li nagħmlu l-aħjar użu minn riżorsi finanzjarji limitati.

Il-Qorti qed tfejji analiżi panoramika tar-riskji prinċipali għall-ġestjoni finanzjarja tal-UE bbażata fuq l-esperjenza tagħha fl-awditjar tul ħafna snin.

U, fir-Rapport Annwali ta' din is-sena dwar il-baġit tal-UE, nisiltu wkoll għadd ta' tagħlimiet mill-ġestjoni finanzjarja fl-2013 li se jkunu utli għall-indirizzar tal-isfidi li għandhom jiġu ffaċċjati matul il-perjodu 2014 sa 2020.

Onorevoli Membri,

Fil-bidu ta' dan il-perjodu ġdid ta' nfiq, ir-rapport tagħna jgħid li, b'mod kumplessiv, il-ġestjoni finanzjarja tal-UE kienet għadha mhix tajba biżżejjed. L-UE tonfoq il-baġit tagħha iżda għad hemm lok sinifikanti biex isir aktar titjib dwar kif dawk il-fondi jintnefqu.

Il-manigġers finanzjarji tal-UE mhux biss huma mitluba jużaw ir-riżorsi kollha disponibbli, iżda huma wkoll meħtieġa jiżguraw li l-infiq jikkonforma mar-regoli tal-UE u li jikseb riżultati siewja għaċ-ċittadini.

Għandhom ukoll ikunu jistgħu jagħtu rendikont għat-twettiq ta' dawn it-tlieta: infiq tal-flus, segwitu tar-regoli u kisba tar-riżultati mistennija.

Mingħajr dubju, dan huwa ekwilibriju li mhux faċli jinkiseb. Din is-sena, ir-rapport annwali tagħna jwissi dwar ir-riskji li ma tingħatax biżżejjed attenzjoni għat-tliet aspetti kollha fl-istess ħin.

Allura, kemm kienet tajba l-prestazzjoni tal-manigġers finanzjarji tal-UE, fil-livell tal-UE u f'livelli oħra, fl-2013? U x'taġħlimiet għandhom jittieħdu?

Fir-rigward tal-**infiq tar-riżorsi finanzjarji tal-UE**, kif inniżżlu fir-rapport tagħna, il-pagamenti mill-baġit tal-UE fl-2013 laħqu kważi 99 % tal-massimu li kien disponibbli għas-sena.

B'kolloxx, l-UE nefqet aktar minn EUR 148 biljun. Dan huwa aktar milli jonfqu 18 mit-28 gvern tal-Istati Membri kull sena. U jirrappreżenta madwar EUR 290 għal kull ċittadin tal-UE.

L-infiq tal-baġit 2013 tal-UE kien jinvolvi l-għemil ta' pagamenti lil miljuni ta' individwi u organizzazzjonijiet, inklużi bdiewa, negozji żgħar u korpi pubbliċi, madwar l-Ewropa u madwar id-dinja.

Fir-rapport tagħna dwar l-2013, nikkonkludu li dawn it-tranżazzjonijiet ġew irreġistrati u kontabilizzati b'mod xieraq f'konformità mal-istandards internazzjonali għall-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti. Kif, fil-fatt, kien il-każ mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni fl-2007 'l hawn.

Fi kliem ieħor, invalidajna opinjoni tal-awditjar "nadifa" dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet 2013 tal-UE m'hejjija mill-Kummissjoni.

Iżda ppermettuli nżid xi ftit kliem ta' twissija dwar żewġ kwistjonijiet relatati **mal-ġestjoni tal-flus tal-UE** fis-snin li ġejjin.

L-ewwel nett, minkejja l-livell għoli ta' pagamenti, il-kontijiet juru li l-impenji finanzjarji pendenti u obligazzjonijiet oħra komplew jiżdiedu fl-2013. Fi tmiem is-sena, dawn kienu jammontaw għal EUR 322 biljun u ċ-ċifra x'aktarx tiżdied peress li l-baġit 2014 jipprevedi li jsiru aktar impenji milli pagamenti.

Dawn l-obbligi finanzjarji li għadhom "imdendlin" huma kwistjoni ta' tħassib partikolari peress li, għall-ewwel darba, jidher li, b'mod wiesa', il-limiti massimi tal-pagamenti se jibqgħu stabbli f'termini reali għal għadd ta' snin.

F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġu antiċipati nuqqasijiet potenzjali fil-finanzjament għall-programmi tal-UE. Huwa għalhekk li, fost tnejn oħra, il-Qorti reġgħet irrakkomandat li l-Kummissjoni għandha ttejjgħi previżjoni tal-flussi tal-flus għal perjodu fit-tul.

It-tieni nett, ammont sinifikanti ta' flus tal-UE diġà tqiegħed **fi strumenti ta' inġinerija finanzjarja** u l-Kummissjoni biħsiebha tagħmel użu saħansitra akbar minnhom fil-futur.

Il-fondi tal-UE li jitqiegħdu f'dawn l-istrumenti sussegwentement jintużaw biex jiġi pprovdut appoġġ għal investimenti fi proġetti permezz ta' self, garanziji, jew ekwità.

Madankollu, skont iċ-ċifri l-aktar reċenti tal-Kummissjoni, 37 % biss mill-EUR 8,4 biljun li kienu tħallsu fi strumenti ta' inġinerija finanzjarja mill-2007 sa tmiem l-2012 kienu fil-fatt tħallsu lill-benefiċjarji finali.

Barra minn dan, dawn l-istrumenti huma kumplessi u diffiċli biex jiġu kontabilizzati b'mod korrett, li wkoll jrendi l-iskrutinju pubbliku aktar diffiċli.

Għalhekk il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tiegħu tħsieb tiżgura li l-kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-UE għal tali strumenti jkunu jirriflettu l-ħtiġijiet reali tal-flussi tal-flus u jiġu kontabilizzati kif xieraq.

Onorevoli membri,

Il-baġit tal-UE jintnefaq. Iżda għal darb'oħra, mill-awditu tagħna jidher ċar proprju kemm minn dak l-infiq mhux qed isir f'**konformità mar-regoli**.

Kif inhu meħtieġ bit-Trattat, aħna nwettqu l-awditu annwali tagħna biex nipprovdud dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE li tkopri wkoll ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Bħal fis-snin preċedenti kollha tal-perjodu ta' programmazzjoni, il-Qorti tikkonkludi li, jekk jittieħdu fl-intier tagħhom:

- Id-dħul fl-2013 huwa regolari.
- L-impenji finanzjarji li saru fl-2013 huma wkoll regolari.
- Iżda l-pagamenti huma materjalment milquta minn żball.

Aħna wasalna għal dawn il-konklużjonijiet prinċipalment billi ttestjajna kampjuni rappreżentattivi ta' tranżazzjonijiet għad-dħul u għall-infiq.

Dan l-approċċ jippermettilna nipprovdud stimi affidabbli tar-rati ta' żball għall-pagamenti fl-intier tagħhom, u għall-oqsma differenti ta' nfiq fil-baġit.

Fl-2013 aħna stmajna li r-rata kumplessiva ta' żball għall-pagamenti hija 4,7 % meta mqabbla ma' 4,8 % fl-2012. Kif tafu, ir-rata ta' żball stmata kienet ogħla minn dak li nsejnhulu l-"livell limitu ta' materjalità" ta' 2 % għas-snin kollha li ilna nawditjaw il-kontijiet tal-UE.

Fl-2013, kważi l-oqsma kollha ta' nfiq kienu milquta minn livell materjali ta' żball. L-unika eċċezzjoni kienet l-EUR 10,6 biljun li l-UE nefqet fuq l-amministrazzjoni proprja tagħha.

Ir-riżultati tagħna juru wkoll li l-iżbalji jsejnhu mhux biss fl-oqsma kollha tan-nefqa operazzjonali, iżda wkoll fil-postijiet kollha fejn jintnefaq flus l-UE.

Madankollu r-rata ta' żball stmata hija ogħla f'dawk l-oqsma fejn ir-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-fondi tal-UE hija kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Għall-2013, ir-rata ta' żball stmata għal 80 % tal-fondi tal-UE taħt ġestjoni kondiviża hija 5,2 %. Fl-oqsma l-oħra, li huma fil-biċċa l-kbira mmaniġġjati direttament mill-Kummissjoni, iċ-ċifra hija 3,7 %.

Bħal fl-2012, iż-żewġ oqsma ta' politika l-aktar suxxettibbli għal żball huma l-politika reġjonali u l-iżvilupp rurali.

Barra minn hekk, ir-riżultati tal-awditjar tagħna juru li l-applikazzjoni ta' proċeduri ta' kontroll intern tista' tagħmel differenza sinifikanti.

Kif inniżlu fir-rapport tagħna, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali fil-fatt ħadu diversi azzjonijiet korrettivi fir-rigward tal-iżbalji li kienu identifikaw fit-tranżazzjonijiet li l-Qorti awditjat. Mingħajr dawk l-azzjonijiet, ir-rata kumplessiva ta' żball stmata mill-Qorti kienet tkun sinifikattivament ogħla, 6,3 % aktar milli 4,7 %.

Iżda l-kontrolli interni jistgħu jkunu aktar effettivi. Bħal fi snin preċedenti, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom biżżejjed informazzjoni disponibbli biex jikkoreġu ħafna mill-iżbalji li l-Qorti sabet anke qabel ma għamlu klejms għar-rimborż mill-Kummissjoni. Pereżempju, fl-iżvilupp rurali, aħna nistmaw li, fil-prinċipju, dan seta' naqqas ir-rata ta' żball tal-Qorti minn 6,7 % għal 2,0 %.

Fil-fehma tal-Qorti, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu azzjoni biex inaqqsu l-għadd ta' żbalji fl-infiq tal-UE fil-pajjiżi tagħhom, kif ukoll fejn itejbu l-kwalità tal-informazzjoni li jipprovdu dwar l-operat tas-sistemi ta' kontroll tagħhom.

Għalkemm mhuwiex il-kompitu tal-Qorti, bħala l-awditur indipendenti, li tikkumpensa għal defiċjenzi fir-rapportar tal-maniġment dwar ir-regolarità tal-infiq, huwa d-dmir tagħna li nġidu jekk iċ-ċifri disponibbli fil-livell tal-UE jippreżentawx stampa ġusta tar-realtà ta' bażi.

Kif niddikjaraw fir-rapport tagħna, ir-riżultati proprji tal-Qorti jindikaw li jista' jkun li l-Kummissjoni qiegħda tistma b'mod insuffiċjenti l-ammonti veri li huma f'riskju.

Biex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jnaqqsu r-rati ta' żball b'mod sinifikanti, se jkun meħtieġ li jiġġeneraw informazzjoni aħjar dwar l-iżbalji fl-infiq u l-azzjoni korrettiva li jieħdu.

Iżda, l-aktar importanti, jeħtieġ li jindirizzaw s-sors tal-problema. Ir-rapport tagħna jipprovdi fehim approfondit dwar it-tip ta' żbalji li għalihom l-awtoritajiet nazzjonali għandhom joqogħdu attenti. Fir-rapport nagħtu ħafna eżempji tipiċi, bħal:

- kumpanija li għamlet klejms għal fondi bħala SME, meta fil-fatt kienet proprjetà ta' kumpanija kbira;
- il-manigera ta' proġett ta' ajruport li għamlu żieda f'kuntratt pubbliku eżistenti mingħajr ma taw opportunità lil ditti oħra biex jagħmlu offerta; u
- bidwi li għamel klejm għal sussidju għal bur li fil-fatt kien parzjalment miksi minn buxxijiet u siġar.

Dawn l-eżempji juru s-sorsi prinċipali ta' żball, jiġifieri:

- klejms għal spejjeż, proġetti, attivitajiet jew benefiċjarji ineliġibbli;
- ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku; u
- dikjarazzjonijiet skorretti ta' żoni agrikoli.

Manigera finanzjarji fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali għandhom l-ewwel jikkonċentraw fuq il-prevenzjoni u mbaġħad fuq id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji li jirriżultaw għal dawn ir-raġunijiet. U għandhom iżommu f'moħħhom ir-rwol importanti li għandhom l-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u r-rispett tar-regoli tal-akkwist biex jiżguraw li l-fondi tal-UE jintużaw b'mod effiċjenti u effettiv għall-ilħuq tal-oġettivi ta' politika.

Onorevoli membri,

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-manigera tal-fondi tal-UE ffukaw primarjament fuq l-infiq tal-flus disponibbli, it-tieni nett fuq il-konformità mar-regoli, u mbagħad biss – u sa punt kumparattivament limitat – iffukaw fuq il-**kisba ta' riżultati** u impatt.

Dan jirrifletti karatteristika fundamentali tal-arranġamenti tal-ġestjoni baġitarja tal-UE. L-uffiċjali fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE jinsabu taħt pressjoni konsiderevoli biex jonfqu, għax inkella jistgħu jitolfu l-finanzjament, iżda għandhom nuqqas ta' inċentivi ekwivalenti biex jiksibu riżultati bil-flus.

Konsegwentement, is-sistemi ta' ġestjoni fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali ġew stabbiliti prinċipalment biex jintużaw ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u biex tiġi żgurata konformità mar-regoli għar-riċeviment tal-finanzjament, aktar milli biex jinkisbu riżultati.

Dan jeħtieġ li jinbidel biex il-prestazzjoni titjeb b'mod sinifikanti. Il-Kapitolu 10 tar-rapport annwali tagħna jipprovdi ħafna eżempji, li nsiltu minn fost id-19-ir-rapport speċjali li l-Qorti adottat fl-2013, biex jintwera kif fokus aħjar fuq ir-riżultati jista' jsaħħaħ il-prestazzjoni.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni għat-trawwim ta' kultura ta' prestazzjoni.

Jeħtieġ li dik il-kultura tkun ibbażata fuq impenn ġenwin, fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, biex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli bir-riżorsi finanzjarji limitati tal-UE.

Huwa essenzjali wkoll li jkunu stabbiliti l-inċentivi t-tajbin biex titħeġġeġ il-prestazzjoni.

Fir-rapport tagħna, nirrikonnoxxu r-rwol li jista' jkollha r-**riżerva ta' prestazzjoni** f'dan ir-rigward. Iżda nwisu li, biex din tipprovdi inċentiv finanzjarju effettiv lill-Istati Membri, irid jintlaħaq qbil minn qabel dwar miri adatti għar-riżultati u jrid ikun hemm disponibbli informazzjoni affidabbli dwar il-progress lejn l-ilħuq tagħhom.

Nenfasizzaw ukoll li informazzjoni aħjar dwar ir-riżultati miksuba hija prerekwiżit biex jiġi żgurat obbligu ta' rendikont aktar effettiv għall-prestazzjoni fil-livell tal-UE.

Fi snin reċenti, saru żviluppi sinifikanti fil-qafas għar-rappurtar tal-prestazzjoni fil-livell tal-UE, notevolment l-introduzzjoni tar-rapport annwali ta' evalwazzjoni li tipproduċi l-Kummissjoni.

Madankollu, fil-fehma tal-Qorti, jeħtieġ li l-qafas jittejjeb aktar. B'mod partikolari, peress li huwa frammentat wisq u ma jkoprix elementi importanti b'mod suffiċjenti, bħall-valur miżjud tal-UE u l-progress lejn l-għanijiet tal-istrateġija ta' Ewropa 2020 .

Għalhekk, aħna nagħmlu tliet rakkomandazzjonijiet speċifiċi lill-Kummissjoni:

- L-ewwel nett, tipproponi qafas aktar koerenti ta' rappurtar tal-prestazzjoni meta r-regolament finanzjarju jiġi rivedut id-darba li jmiss;
- It-tieni nett, tagħti sommarju tal-progress lejn il-miri ta' Ewropa 2020 fir-rapport annwali ta' evalwazzjoni;
- It-tielet nett, tiżviluppa aktar l-arranġamenti fi ħdan il-Kummissjoni għat-teħid ta' responsabbiltà fir-rigward tal-kontribut li l-infiq tal-UE jagħmel għall-kisbiet ta' politika.

Sinjura President, onorevoli membri,

Il-ġestjoni tal-baġit tal-UE tista' – u għandha – tkun aħjar.

Kif għidt fil-bidu, din mhijiex kwistjoni ta' għażla bejn l-infiq tal-flus, il-konformità mar-regoli, u l-kisba ta' riżultati. Hija dwar li jirnexxilna nagħmlu t-tlieta f'daqqa.

Hija wkoll dwar li nagħmlu l-baġit tal-UE aktar manigġjabbli, b'objettivi aktar ċari u arranġamenti aktar sempliċi għall-infiq tal-flus. Dawn huma t-tagħlimiet ewlenin tal-perjodu baġitarju 2007 sa 2013 li se ssibu wkoll fil-ħarsa ġenerali tagħna lejn l-infiq fl-agrikoltura u fil-koeżjoni, li ħriġna illum.

Kif nittama li wrejt fil-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2013 tagħna, il-Qorti hija impenjata bis-sħiħ li tuża x-xogħol tal-awditjar tagħha biex tassisti lill-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż dan il-Parlament, u lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu mill-fondi tal-UE biex jiksbu r-risultati li ċ-ċittadini tal-UE bid-dritt jistennew li jaraw.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkom.